# DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2013/23/UE

## tat-13 ta' Mejju 2013

## li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, fejn l-atti tal-istituzzjonijiet adottati qabel l-adeżjoni jirrikjedu l-adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa ma jkunux previsti f'dak l-Att ta' Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu, għal dan il-għan, jadotta l-atti meħtieġa, jekk l-att oriġinali ma ġiex adottat mill-Kummissjoni.

(2) L-Att Finali tal-Konferenza li fassal u adotta t-Trattat ta' Adeżjoni tal-Kroazja indika li l-Partijiet Kontraenti Għolja kienu laħqu qbil politiku dwar sett ta' adattamenti għal atti adottati mill-istituzzjonijiet li kienu meħtieġa minħabba l-adeżjoni u stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jadottaw dawk l-adattamenti qabel l-adeżjoni, kompluti u aġġornati kif meħtieġ biex jitqies l-evoluzzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

(3) Id-Direttivi 73/239/KEE [1], 2002/83/KE [2], 2005/68/KE [3] u 2009/138/KE [4] għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttivi 73/239/KEE, 2002/83/KE, 2005/68/KE u 2009/138/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa mhux iktar tard mid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

[1] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3.) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 01 p. 14).

[2] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 06 p. 3).

[3] Id-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar ir-riassigurazzjoni (ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1.)

[4] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.)

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ soġġetta għal, u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. COVENEY

*ANNESS*

1. Fl-Artikolu 8(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE, jiżdied dan li ġej:

"— fil-każ tar-Repubblika tal-Kroazja: 'dioničko društvo', 'društvo za uzajamno osiguranje'."

2. Id-Direttiva 2002/83/KE hija emendata kif ġej:

(a) fl-Artikolu 6(1)(a), dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għar-Repubblika Franċiża:

"— fil-każ tar-Repubblika tal-Kroazja: 'dioničko društvo', 'društvo za uzajamno osiguranje',";

(b) fl-Artikolu 18(3), dan li ġej jiddaħħal wara l-ħames inċiż:

"— l-1 ta' Lulju 2013 għal impriżi awtorizzati fil-Kroazja u,".

3. Fl-Anness I għad-Direttiva 2005/68/KE dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għar-Repubblika Franċiża:

"— fil-każ tar-Repubblika tal-Kroazja: 'dioničko društvo'.".

4. Id-Direttiva 2009/138/KE hija emendata kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 73(5), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ea) l-1 ta' Lulju 2013 għal impriżi awtorizzati fil-Kroazja;"

(b) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(i) fil-Parti A, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(10a) fil-każ tar-Repubblika tal-Kroazja: 'dioničko društvo', 'društvo za uzajamno osiguranje';";

(ii) fil-Parti B, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(10a) fil-każ tar-Repubblika tal-Kroazja: 'dioničko društvo', 'društvo za uzajamno osiguranje';";

(iii) fil-Parti C, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(10a) fil-każ tar-Repubblika tal-Kroazja: 'dioničko društvo';".